MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-20 ta' Lulju, 2009

Numru. 41/2008

Il-Pulizija
(Sp Raymond Cassar)
vs
James Vella, iben George, imwieled Pieta' fit-2 ta' Ottubru, 1980

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat –
1. talli fit-30 ta' Diċembru, 2007, bejn it-tlieta u is-sitta ta' wara nofs in-nhar ġewwa l-Mosta, dolozament bil-ħsieb li joqtol jew li jpoġġi l-ħajja ta' Simon Peter Cassar f'perikolu ċar, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi ta daqqiet b'arma rregolari u cioe' flixkun u/jew tazza tal-ħġieġ fuq il-persuna ta' Simon Peter Cassar, liema delitt ma ġiex esegwit

minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu;
2. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi permezz ta' arma rregolari u cioe' flixkun u/jew tazza tal-ħġieġ, ikkaġuna feriti li jġibu sfreġju ġravi u permanenti fl-għonq ta' l-istess Simon Peter Cassar, liema feriti jikkwalifikaw li huhma ta' natura gravi kif ġie ċċertifikat mit-tobba tal-Isptar Mater Dei.

Rat il-mandat maħruġ mill-Avukat Ġenerali skond l-artikolu 433(1) tal-Kodiċi Kriminali fis-16 ta' Lulju, 2009 fejn ordna l-liberazzjoni ta' l-imputat James Vella.

Għaldaqstant, din il-Qorti tiddikjara l-proċediment eżawrit.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------